

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Videjkonferenzi](#) > Ġbir ta' provi permezz ta' vidjokonferenza

Ġbir ta' provi permezz ta' vidjokonferenza

In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali (NĠE-ċivili) iproduċa ġabra ta' skedi informattivi li jipprovdu informazzjoni Prattika dwar ir-regoli, il-proċeduri u l-faċilitajiet tekniċi għall-videoconferencing bejn il-qrati f'pajjiżi tal-UE differenti.

Ir-Regolament (UE) Nru 2020/1783 (riformulazzjoni), li jkopri l-kooperazzjoni bejn il-qrati f'pajjiżi differenti tal-UE dwar il-kumpilazzjoni ta' xhieda f'każijiet ċivili u kummerċjali, jipprovdi qafas legali ġenerali għall-kumpilazzjoni ta' xhieda f'pajjiż ieħor li mhux dak tal-qorti. Dan ir-Regolament jissostitwixxi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 u jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2022. Ir-Regolament il-ġdid jiċċara kif għandha ssir il-kumpilazzjoni tax-xhieda permezz ta' vidjokonferenza jew teknoloġija oħra ta' komunikazzjoni mill-bogħod u jistabbilixxi l-formola N fl-Anness I għall-iskambju ta' informazzjoni teknika rilevanti. Il-formola N għandha tintuża kemm għat-talba ta' kumpilazzjoni ta' xhieda permezz ta' vidjokonferenza kif ukoll għat-tweġiba pożittiva għal tali talba. Madankollu, kull pajjiż tal-UE għandu l-liġijiet proċedurali tiegħu stess f'dan il-qasam, għalhekk id-dettalji tal-proċess ivarjaw skont il-liġi tal-pajjiż li jirċievi talba għall-kooperazzjoni.

Sabiex l-awtoritajiet ġudizzjarji f'pajjiżi differenti tal-UE jsibuha aktar faċli biex jaħdmu flimkien u jagħmlu użu sħiħ mill-vidjokonferenzi għall-kumpilazzjoni ta' xhieda f'pajjiż ieħor tal-UE, in-[Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali](#) (NĠE ċivili) iproduċa sett ta' skedi informattivi. Dawn jipprovdu informazzjoni Prattika dwar ir-regoli, il-proċeduri u faċilitajiet tekniċi f'pajjiżi differenti tal-UE.

Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.

Foqqa relatata

[Smigħ ta' xhieda - notifiċi tal-Istati Membri u għodda ta' ftitxija li tgħin fl-identifikazzjoni tal-qorti /qrati /awtorità/ awtoritajiet kompetenti](#)

L-aħħar aġġornament: 03/04/2024

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.